**9 ta' Mejju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

**Joseph Pace**

**"Ħebb"**

*Biex persuna ħebb kontra persuna oħra ma hemmx għalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiżiku; biżżejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fiżika indirizzata lejn dik il-persuna oħra. Forsi t-test Ingliż ta' din il-kontravvenzjoni jideskrivi aħjar il-kunċett ta' "ħebb"; "... attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others ...". Jekk ikun hemm kuntatt fiżiku multo magis wieħed jista' jgħid li wieħed ħebb għal persuna oħra, sakemm il-fatt ma jammontax għal xi reat ieħor jew reat aktar gravi.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Joseph Pace talli fit-12 ta' Diċembru, 1995 għall-ħabta tal-5.00 p.m. fil Pieta` ; (1) uża forza fiżika, bla ma darab, kontra Jack Nicholas u (2) hedded lill-istess Jack Nicholas;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-11 ta' April, 1996 li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Pace mhux ħati skond it-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu, iżda sabitu ħati skond l-ewwel imputazzjoni, ikkundannatu ammenda ta' Lm10 u obbligatu li ma jdejjaqx lil Jack Nicholas taħt penali ta' Lm80 għal perijodu ta' sena fit-termini ta' l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Pace minnu ppreżentat fil-15 ta' April, 1996 li bih talab ir-riforma ta' l-

imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu, bażikament, li hu ma użax forza fiżika kontra Jack Nicholas. L-Ewwel Qorti rravviżat fl-għemil ta' l-appellant il-kontravvenzjoni kkontemplata fl-artikolu 339 (1) (d) tal-Kodiċi Kriminali. Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna issehh meta persuna tħebb kontra persuna oħra sabiex tinġurja, iddejjaq jew tagħmel ħsara lil dik il-persuna l-oħra jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali. Biex persuna tħebb kontra persuna oħra ma hemmx għalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiżiku; biżżejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fiżika indirizzata lejn dik il-persuna oħra. Forsi t-test Ingliż ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi aħjar il-kunċett ta' "ħebb": "... *attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others* ..." (enfasi miżjuda). Jekk ikun hemm kuntatt fiżiku *multo magis* wieħed jista' jgħid li wieħed ħebb għal persuna oħra, sakemm il-fatt ma jammontax għal xi reat ieħor jew reat aktar gravi;

Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti ma tarax li għandha tiddisturba l-apprezzament magħmul u l-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti dwar dak li seħħ. Anke li kieku għall-grazzja ta' l-argument, l-appellant ma mbottax għal tliet darbiet lil Jack Nicholas - fatt li proprjament aktar kien jaqa' taħt il-paragrafu (1) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 339 - meta huwa mar jippoppa sidru quddiem l-imsemmi Nicholas u jistieden lil dan Nicholas jagħtih daqqa bit-*torch* (kif Nicholas stess jammetti li hedded li jagħmel jekk l-appellant ma jieqafx jimbuttah), huwa kien qiegħed juża forza fiżika, fis-sens li jħebb, kontra l-istess

Nicholas sabiex jagħmillu ħsara. Wieħed ma jridx jinsa ukoll li l-appellant hu persuna ta' ftit aktar minn ħamsin sena, b'saħħtu u ta' statura kbira, mentri l-imsemmi Jack Nicholas huwa bniedem anzjan ta' ċirka tmenin sena ta' statura iżgħar u li jidher li għandu ċerta diffikulta' biex jimxi;

Mill-banda l-oħra din il-Qorti hi sodisfatta li l-attitudini belliġenerenti ta' mart Jack Nicholas esaċerbat sitwazzjoni ta' tensjoni li kienet teżisti bejn il-konjuġi Nicholas fuq naħa u l-membri tal-familja Pace fuq in-naħa l-oħra dwar il-vertenza ċivili li teżisti bejniethom u li tinsab quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera; din l-attitudini tagħha jidher li ppreċipitat l-imġieba xejn dekoruża kemm ta' Jack Nicholas kif ukoll ta' l-appellant. Għalhekk il-Qorti hi tal-fehma li jkun aktar utili l-provvediment infraskritt;

Għall-motivi premessi, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mit-tieni imputazzjoni, kif ukoll f'dik il-parti fejn sabitu ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u fejn rabtitu b'garanzija taħt l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, iżda tħassaraha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għaxar liri (Lm10) ammenda u minflok dik l-ammenda ċċanfar lill-appellant bil-mod previst fl-artikolu 15 (1) tal-Kodiċi Kriminali.

---